MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 683/2008

**Nutar John Spiteri.**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-8 ta’ Lulju, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi permezz ta’ testment fl-Atti tan-Nutar Joseph Spiteri datat 16 ta’ Settembru, 1992, Dok. ‘A’, ir-rikorrent ġie nominat bħala eżekutur testamentarju tad-*decuius* Giuseppe Vella;

2. Illi fiċ-ċertifikat tal-mewt ta’ l-istess Giuseppe Vella li miet fit-30 ta’ Jannar, 2008, maħruġ mid-Direttur

tar-Reġistru Pubbliku u li jġib in-numru ta' 533/2008, Dok. 'B', fil-kolonna ntitolata "*jekk hux miżżewweġ jew le, armel jew armla*" ġie ndikat bħala "*widower of Veronica Vella nee' Gauci*" meta huwa in effetti kien miżżewweġ *Saveria Vella nee' Schembri*;

3. Illi d-*decuius* Giuseppe Vella u l-imsemmija Saveria *nee'* Schembri kienu in effetti żżewġu fl-20 ta' Awissu tas-sena 1944, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom numru 1965 tas-sena 1944 hawn esebit u mmarkat Dok. 'C';

4. Illi in sostenn ta' dan qiegħda wkoll tiġi annessa kopja vera taċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-imsemmija Saveria Vella *nee'* Schembri li tindika lill-istess Giuseppe Vella bħala żewġha (1485/2000), Dok. 'D';

5. Illi għalhekk jidher evidenti dan l-iżball u meta tkellimt ir-Reġistru Pubbliku dawn infurmawni li dak ma setax jinbidel sakemm mhux b'ordni tal-Qorti;

6. Illi allura kellha ssir din il-kawża, sabiex il-konvenut jiġi ordnat jaffettwa d-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Giuseppe Vella li jġib in-numru 533/2008, fis-sens illi fil-kolonna ndikata "*Jekk hux miżżewweġ / miżżewġa jew le, armel jew armla*" il-kliem "*widower of Veronica Vella nee' Gauci*" jiġu sostitwiti bil-kliem "*widower of Saveria Vella nee' Schembri*";

7. Illi r-rikorrent għandu interess illi dan l-iżball jiġi korrett da parti ta' l-intimat sabiex huwa jkun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu u jadempixxi l-inkarigu tiegħu ta' eżekutur testamentarju kif trid il-liġi.

Għaldaqstant, *in vista* tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba sabiex tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, huwa jikkoreġi ċ-ċertifikat tal-mewt minnu maħruġ, bin-numru 533/2008, liema ċertifikat jirreferi għall-mewt ta' Giuseppe Vella, fis-sens illi fil-kolonna ndikata "*Jekk hux miżżewweġ / miżżewġa jew le, armel jew armla*" il-kliem "*widower of Veronica Vella nee' Gauci*"

jiġu sostitwiti bil-kliem "*widower of Saveria Vella nee' Schembri*", u dan sabiex ir-rikorrent ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu ta' eżekutur testamentarju kif trid il-liġi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-29 ta' Ottubru, 2008, li permezz tagħha espona bir-rispett:

1. Illi l-esponent ma joġġezzjonax għat-talba fir-rikors ġuramentat diment li jinġiebu provi a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti, pero' jirrileva li d-dikjaranta fuq l-Att tal-Mewt ta' Giuseppe Vella li kienet Ann Scicluna kienet obbligata li tivverifika li l-informazzjoni li ddikjarat u ffirmat għaliha kienet korretta.

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna m'hijiex attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti.

3. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artiklu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu x'jissottometti l-esponent għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat l-affidavits ta' l-attur, ta' Mary Gauci, ta' Mary Bonnici u ta' Anne Scicluna.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta’ l-Artiklu 253 tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta’ azzjoni biex jiġi korrett xi att ta’ l-istat ċivili ta’ persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati billi sar żball pero’ m’huwiex imputabbli lill-konvenut, illi allura ma għandux jeħel spejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi. L-ispejjeż jitħallsu mill-attur *nomine.***

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------